1 ta' Lulju, 1946.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D

**John Borg** *versus* **Paolo Borg pr. et ne.**

**Millantazzjoni — Jattanza — Rekwiżiti.**

*Għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni tal-jattanza hemm bżonn il-konkors ta' tliet rekwiżiti, li huma:— 1. Li jkun hemm il-millantazzjoni ta' pretensjoni; 2. Li dik il-pretensjoni tirriżulta minn att ġudizzjarju jew bil-miktub; 3. Li min jeżerċita l-azzjoni jrid ikun fil-pussess tad-dritt li fuqu tiġi magħmula l-millantazzjoni.*

*Imma ma jikkostitwix millantazzjoni għall-finijiet tal-ġudizzju tal-jattanza l-att kawtelatorju intiż biex jiġi evitat preġudizzju li l-konvenut jista' jsofri u li jiġi provokat mill-att li huwa jidhirlu li hu illegali.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, li biha l-attur, wara li qal li l-konvenut fil-25 ta' April 1945 ippreżenta taħt l-awtorità ta' din il-Qorti protest kontra l-attur (dok. A) fejn l-istess konvenut immillanta kontra l-attur illi dana qiegħed jagħmillu konkor

renza sleali dwar l-importazzjoni u l-bejgħ hawn Malta ta' "*Disinfectant Fluid*" *bil-marka* "*Lion Brand*"; *u li l-konvenut* wara dan il-*protest ma* ddeduċiex in gudizzju dina l-pretensjoni tiegħu, u fuq ittra uffiċjali *ta'* l-*instanti tat-12 ta'* Gunju *1945* (dok. *B*) *il-konvenut* wieġeb b'ittra uffiċjali oħra tal-21 *ta'* Gunju *1945*, fejn, għalkemm ma *reġgħax* semma konkorrenza sleali, għamel riżerva li jfittex lill-instanti għad-danni jekk ikun hemm lok (dok. C); u li l-instanti għandu interess li dina l-kwistjoni *bejnu u l-konvenut tiġi deċiża malajr* in vista ta' l-ordnijiet tal-merkanzija li huwa għamel u li l-konvenut jippretendi li huwa biss jista' jimporta; talab illi jiġi lill-konvenut *proprio et nomine* prefiss minn dina l-Qorti żmien qasir u perentorju biex jiddeduċi in gudizzju l-pretensjoni tiegħu, u jekk jonqos milli jagħmel dan fiż-żmien lilu hekk prefiss, jiġi lilu impost il-perpetwu silenzju. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-kontroprotest tas-27 ta' April 1945 u *ta'* l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Gunju 1945;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija *mill-Qorti* tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fil-25 ta' April 1946, li biha ġiet milqugħa l-ewwel talba u ġie prefiss xahar żmien lill-konvenut biex jiddeduċi l-pretensjonijiet tiegħu fil-gudizzju; l-ispejjeż ġew riżervati u l-kawża *mħollija* għall-21 ta' Mejju 1946 *għad-definizzjoni* tat-tieni talba; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-konvenut f'ismu proprju u għad-ditta "Phoenix Import *and* Export Agency", li hija *d-ditta* li *taħtha* jikkummerċja, fil-25 ta' April 1945 għamel protest kontra l-attur fejn, wara li ppremetta illi ilu minn żmien twil jimporta fluwidu diżinfettant bil-marka "Lion Brand", u wara illi ppremetta *illi l-attur, biex jipprofitta* minn *ir-riputazzjoni li akkwistat* dina l-marka u li tagħha kellu l-esklużività ta' l-importazzjoni, kien qiegħed joffri fluwidu diżinfettant bl-istess marka bi prezzijiet *inferjuri għal* dawk illi huwa kien qiegħed ibiegħ l-istess merkanzija, ipprotesta kontra l-attur għall-konkorrenza sleali li kien qiegħed jagħmillu u għad-danni. L-attur irrispondieh b'kontroprotest tas-27 ta' April ta' l-istess sena, fejn qalllu illi għamel ordinazzjonijiet ta' dana l-fluwidu fuq offerti

li kienu saruhu minn barra, u qalu wkoll illi huwa ma' kienx jaf illi kellu esklużività ta' l-importazzjoni, però qallu wkoll illi l-fatt illi huwa (l-attur) kien qiegħed joffrieh bi prezz orħos juri illi l-konvenut ma kellux dina l-esklużività, u għalhekk ikkontroprotesta dwar il-pretensjonijiet tal-konvenut. B'ittra uffiċjali tat-12 ta' Ġunju 1945 l-attur interpella l-konvenut biex jew jirtira l-pretensjoni illi avanza kontra tiegħu ta' konkorrenza sleali jew jagħmel il-proċeduri neċessarji biex jipprova dina l-pretensjoni, u avżah illi kemm-il darba jonqos jipproċedi huwa. Il-konvenut b'ittra uffiċjali tal-21 ta' l-istess xahar reġa' ikkonferma l-pretensjonijiet tiegħu u qal lill-attur illi ma kellu ebda dritt jiehu ordinazzjonijiet ta' dan il-fluwidu diżinfettant. Bi protest ieħor tal-15 ta' Ottubru 1945, li għamel mhux biss kontra l-attur, imma anki kontra l-Kollettur tad-Dwana u l-Aġent tal-vapur "Charleston Hall", il-konvenut, wara li ppremetta illi huwa sar jaf illi wasal Malta fluwidu diżinfettant........... interpella lill-Kollettur tad-Dwana u lill-Aġent tal-vapur biex ma jikkusinnawx din il-merkanzija lill-attur, u ipprotesta rutu għad-danni. Il-konvenut b'kontroprotest tas-16 ta' Ottubru 1945 żamm responsabili l-Kollettur tad-Dwana u l-Aġent tal-vapur għad-danni li seta' jsofri kemm il-darba ma jikkonsenjawlux il-merkanzija........... Peress illi l-konvenut ma ħax passi, l-attur għamel din il-kawża ta' jattanza. Dawn huma l-fatti;

Illi f'din il-kawża l-Qorti ma tistax tidħol fil-kwistjoni jekk il-konvenut kellux esklużività tal-marka fuq imsemmija u jekk l-attur setax jimporta merkanzija ta' dik il-marka. Il-marka però ma hijiex tal-konvenut u d-dar ta' barra kienet tużaha, u dina d-dar mhijiex fil-kawża. Il-konvenut avanza pretensjonijiet dwar dina l-marka b'ismu u għad-ditta tiegħu. Il-konvenut lanqas ipprova illi huwa l-aġent tad-dar ħlief bl-ittra tal-21 ta' Diċembru 1945 (dok. fol. 37), li biha awtorizzatu bħala aġent tagħha Malta biex jagixxi kontra min jidhirlu li jimporta jew juża din il-marka;

Illi l-konvenut bil-protest li għamel ippretenda illi għandu l-esklużività f'Malta li jimporta fluwidu diżinfettant tal-marka "Lion Brand", illi l-attur ma setax jimporta fluwidu

diżinfettant b'dina l-marka, illi l-merkanzija illi l-attur ġieb Malta ma setax jirtiralia; illi għamillu konkorrenza sleali u żammu responsabili għad-danni;

Illi dawn huma millantazzjonijiet illi l-konvenut għamel di fronti għall-attur illi ma jistgħux jiġu definiti b'semplici protest jew korrispondenza, imma per mezz ta' ċitazzjoni u b'sentenza tal-Qorti. L-attur ma ppretendiex illi l-konvenut ma jistax jagħmel użu mill-marka fuq imsemmija; li kieku l-attur kellu dina l-pretensjoni ma setgħetx tkun oġġett ta' jattanza peress illi l-konvenut ilu minn żmien ibiegħ merkanzija b'din il-marka. Però l-każ ma huwiex hekk; imma l-konvenut ġieb 'il quddiem dawna l-pretensjonijiet *kontra l-attur*, u dana għandu dritt illi l-attur, la darba ġiebhom 'il quddiem, ikompli l-proċeduri u jġibhom 'il quddiem għad-definizzjoni tagħhom. L-attur ma għandux jibqa' sospiż sakemm il-konvenut jidhirlu. U naturalment l-ittra fol. 37 saret għal dan il-fini;

Għalhekk it-talbiet huma fondati;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li d-domandi ta' l-attur jiġu respinti, bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat:

Illi rriżulta mill-provi li l-appellant ilu żmien jimporta f'Malta fluwidu diżinfettant bil-marka "Lion Brand", manifatturat mid-ditta Ingliża "The Killgerm Company Ltd.", Cleekheaton, Yorks. Dan l-aħħar l-appellat beda joffri fil-pjazza likwidu diżinfettanti ta' l-istess marka manifatturat mid-ditta Ingliża "Messrs. W. M. Delf & Co.", u f'Ottubru 1915 waslitlu għall-ispaċċ partita minn dik il-merkanzija hawn Malta. L-appellant ipprotesta .......... Wara dak il-protest ta' l-appellant kien hemm atti ġudizzjarji oħra bejn il-kontendenti, u fl-aħħar l-appellat ġieb 'il quddiem din l-azzjoni biex jiġi prefiss lill-appellant terminu..........;

Ikkunsidrat;

Illi għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni tal-jattanza hemm bżonn il-konkors ta' dawn *l-elementi :— (a) Li jkun hemm millantazzjoni* ta' pretensjoni; (b) li dik il-pretensjoni tirriżulta minn

att ġudizzjarju jew bil-miktub; (c) u li min jeżerċita l-azzjoni jrid ikollu l-pussess tad-dritt li fuqu ġiet magħmula l-millantazzjoni. *Fil-każ* in eżami hemm bżonn li jiġi eżaminat jekk jikkonkorrux it-tliet elementi fuq imsemmija;

Ikkunsidrat;

Illi ma jistax jiġi *ritenut li* l-appellat kellu dak il-pussess tad-dritt li fuqu saret il-pretiża millantazzjoni da parti ta' l-appellant, billi, *kif ingħad* fuq, l-istess appellant ilu minn żmien *ibiegħ merkanzija bil-marka* "Lion Brand" u billi l-appellat *fi żmien* reċenti beda joffri l-istess merkanzija b'tikketta bl-istess kliem "Lion Brand". Il-pussess ta' dik il-marka kien, għalhekk, ta' l-appellant, u l-protest minnu magħmul ġie provokat mill-fatt reċenti ta' l-appellat. Kif ġie ritenut minn din il-Qorti fit-18 ta' Ottubru 1912 in re "Sammut vs. Grech" (Kollez. Vol. XXI-I-532), il-protest *magħmul mill-konvenut* "che non è spontaneo, ma provocato da un atto che il convenuto ritiene essere *illegale*, non riveste il carattere di una *millantazione*, *ma è un atto cautelatorio inteso ad evitare un pregudizio* che il convenuto verrebbe a soffrire". U din l-istess Qorti, b'sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 1936 in re "Cutajar vs. Spiteri", wara li affermat il-prinċipju li biex tiġi eżerċitata validament l-azzjoni tal-jattanza l-attur għandu jipprova li għandu l-pussess tal-ħaġa li għaliha qiegħed jeżerċita l-azzjoni, kompliet tgħid illi mhix *millantazzjoni* għall-finijiet tal-ġudizzju tal-jattanza l-att kawtelatorju intiż biex jiġi evitat preġudizzju li l-konvenut ikun jista' jsofri u li jkun provokat *minn* att li l-konvenut ikun jidhirlu li hu illegali. Wieħed mir-rekwiżiti tal-millantazzjoni huwa "che l'atto non costituisca una ragione di necessità o una cautela giuridica" (Kollez. Vol. X, paġ. 167); u huwa prinċipju fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li meta jkun l-attur fil-ġudizzju tal-jattanza li jkun ipprovoka l-protesti tal-konvenut, l-azzjoni tal-jattanza mhijiex ammissibili. *Kif qal* il-Rodolfino (Alleg. V, para. 19), "ut intret remedium legis diffamari requiritur spontanea diffamatio sine causa; secus si fiat ex aliquo jure seu causa excludente praesumptionem calumniae" (ara wkoll *sentenza ta'* din il-Qorti tal-15 ta' Diċembru 1941 in re "Bongailas vs.

Borg" u sentenzi oħra hemm ċitati);

Ikkunsidrat;

Illi in bażi għad-dottrina u għall-ġurisprudenza fuq imsemmijin, l-azzjoni tal-jattanza eżerċitata mill-appellat ma tistax tiġi ammessa, billi jonqsu tnejn mill-elementi meħtieġa għall-eżerċizzju tagħha. Jonqos l-ewwel element, billi l-protest tal-25 ta' April 1945, li fuqu bija bażata l-azzjoni, ma jikkostitwix millantazzjoni fis-sens li trid il-liġi; u jonqos it-tielet element, billi ma jistax jiġi ritenut li l-appellat kellu l-pussess tal-ħaġa milquta mill-pretiża millantazzjoni;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell billi tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fil-25 ta' April 1946, u konsegwentement tirrespinġi t-talbiet miġjuba biċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.